

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ M.7819 — Freudenberg/Toray/JVC)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**  
**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**  
(2015/C 411/07)

1. Fl-4 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriżi Freudenberg & Co. KG ("Freudenberg", il-Ġermanja) u Toray Industries, Inc. ("Toray", il-Ġappun) jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Japan Vilene Company Ltd ("JVC", il-Ġappun) permezz ta' offerta pubblika u xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Freudenberg hija attiva madwar id-dinja kollha fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-bejgħ ta' washers, komponenti ta' teknoloġija ta' kontroll tal-vibrazzjoni, filters, prodotti mhux minsuġa, release agents, lubrikanti ta' speċjalità kif ukoll prodotti tal-mekatronika.
- Toray hija l-kumpanija prinċipali ta' Toray Group, li tipproduċi u tbigħ fibri u tessuti, plastiks u kimiċi, prodotti relatati mal-IT, materjali kompożiti tal-fibra tal-karbonju u prodotti u servizzi li jappartjenu għall-qasam tax-xjenzi tal-ħajja, l-ambjent u l-inġinerija.
- JVC tipproduċi u tbigħ materjali mhux minsuġa għal applikazzjonijiet differenti, bħall-ilbies, matejrali tal-mediċina u tal-konsumatur, materjali industrijali, materjali elettriċi, materjali tal-filtru u tal-karozzi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taq' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 139/2004<sup>(2)</sup> tal-Kunsill, ta' min jinnotta li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7819 — Freudenberg/Toray/JVC fl-indirizz li ġej:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussels  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.